P. ĠUŻEPP VELLA OFM

# REV. P. MARJANU VELLA OFM (1927–1988)

Sliemiz magħruf u iben il-Parroċċa tagħna huwa bla dubju ta' xejn P. Marjanu Vella OFM. Għalina, ismu jibqa' marbut b'għaqda ta' imħabba mal-Madonna tas-Sacro Cuor, bħala reliġjuż franġiskan awtentiku, kif ukoll ma' beltna Tas-Sliema.

Huwa twieled fi triq S. Ġwann Battista fi żmien il-Kappilan P. Guido Annati OFM. Kien nhar l-14 ta' Diċembru 1927. Ġie mgħammed fil-Parroċċa tagħna mill-Viċi Parroku P. Diego Galdes OFM nhar it-18 ta' Diċembru. Il-ġenituri tiegħu kienu Paolo u Carmela Mifsud. Ingħata l-isem ta' Giovanni-Marija kif ukoll Giuseppe, Antonio, Martino u Francesco.[1] Huwa kien tifel uniku u ma kellux ħutu. L-ewwel Tqarbina għamilha fil-Parroċċa u l-Griżma ta' l-Isqof fl-20 ta' Ġunju 1934 mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Dom Mauro Caruana OSB.[2] Mar l-iskola primarja fil-kulleġġ tal-Freres "Stella Maris" fi Triq Rudolfo. Wara kompla l-iskola sekondarja fil-Lyceum fil-Belt. Johnnie (kif kien magħruf) kien abbati fil-knisja tagħna. Il-ħidma wtieqa li l-Patrijiet kienu jwettqu nibbtet fih il-ġibda għall-ħajja saċerdotali fi ħdan il-Provinċja tagħna. Wara li għadda l-klassijiet kollha tal-Lyceum għamel l-eżamijiet tal-matrikola fit-Taljan u fil-Malti. Irnexxielu jgħaddi minnhom u jġib iċ-ċertifikati.[3]



MILL-GHOLJA TAL-GOLGOTHA
THAMMAR B'DEMMEK FEJJIEDI,
SEJJAHTLI
KRISTU MISLUB BLA HTIJA,
BIEX DAK LI GHAMILT INTI,
- IL-MISTERU TAL-FIDWA -
NAGHMLU JIENA WKOLL
IL-LUM
U FIL-JIEM GEJJIENA,
FUQ IL-MIDBAH TAR-RABTA L GDIDA

Rev. P. Marjanu Vella O.F.M.

B'TIFKIRA
TA' L-EWWEL QUDDIESA SOLENNI TIEGHU
FIL-KNISJA PARROKKJALI TAS SACRO CUOR.
TAS SLIEMA. 10 T'AWISSU 1952.

**Santa ta' l-ewwel Quddiesa Solenni ta' P. Marjanu.**

Johnnie beda s-sena tan-novizzjat fil-kunvent ta' Sant'Antnin f'Għajnsielem, Għawdex, nhar is-16 ta' Settembru 1945. Ġie mogħti l-isem ta' Fra Marjanu. Għeluq is-sena tal-prova għamel il-Professjoni Sempliċi nhar id-29 ta' Settembru 1946. Wara kompla l-istudji fil-Belt u fir-Rabat, tal-filosofija u tat-teoloġija. Fil-kunvent tar-Rabat għamel il-Professjoni Solenni nhar it-2 ta' Ottubru 1949. Fra Marjanu ġie ordnat saċerdot fit-3 ta' Awissu 1952, fil-Konkattidral ta' San Ġwann mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi.[4] Fl-10 ta' Awissu ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni fil-knisja tagħna (ara s-santa).

**Ħidma fi ħdan il-Provinċja**

Fl-istess sena li qaddes, P. Marjanu, ġie mibgħut fil-kunvent ta' Għawdex bħala surmast tan-novizzi u fl-istess ħin kien igħallem it-Taljan u l-Malti fil-kulleġġ ta' Sant'Antnin, ħdejn il-kunvent tagħna, li kien jitmexxa mill-Provinċja tagħna. Wara tliet snin f'din il-kariga ġie mibgħut hawn Tas-Sliema biex jibda ħidma fejjieda fost il-parruċċani tagħna. Mill-ewwel beda jgħallem it-Taljan lill-Istudenti tal-Provinċja. Fl-1960 ġie maħtur Lettur Provinċjali tal-lingwa Taljana.[5] Daħal għalliem fil-kulleġġ "Stella Maris" fil-Gżira fejn kien igħallem fil-klassijiet sekondarji. Fil-Kapitlu Provinċjal li sar fl-Lulju 1964, P. Marjanu ġie maħtur Definitur Provinċjali. Dan ifisser li jkun Kunsillier tal-Ministru Provinċjal.[6] Dam f'din il-kariga għal tliet snin.

Il-prudenza u l-kapaċità intellettwali tiegħu kienu fatturi biex intgħażel bħala Kandidat biex isir Ministru Provinċjal. Is-sens ta' umiltà kbira li kellu u ċerta skrupolożità, jew biżgħa, li ġġib magħha din il-ħatra, wasslitu biex ma jaċċettax din il-Kandidatura. Irnexxielu jikkonvinċi lill-Viżitatur Ġenerali u lill-Patrijiet votanti biex ma jivvotawlux għal din il-ħatra.[7] Għalhekk f'dan l-istess Kapitlu Provinċjali, li sar nhar it-8 ta' Ottubru 1967, ġie maħtur Vigarju Provinċjali. Din hi l-ogħla kariga wara l-Ministru Provinċjal.[8] Dam f'din il-ħatra tliet snin biss. Fit-12 ta' Jannar 1971, P. Marjanu, ġie magħżul wieħed mid-Diskrieti tal-Gwardjan. Dan ifisser li jkun kunsillier tal-Gwardjan.[9] Fid-19 ta' Ġunju 1972 ġie maħtur Kronista għall-kunvent ta' Tas-Sliema.[10] Fil-Kapitlu Provinċjali ta' l-1973 ġie maħtur Direttur tal-Vokazzjonijiet u nominat ukoll Direttur għall-irtiri li jsiru

fil-"Portiuncola Retreat House" ta' Baħar iċ-Ċagħaq.[11] F'dan l-istess Kapitlu kien wieħed mid-delegati li jivvutaw għall-għażla tal-Provinċjal. Hawn, P. Marjanu reġa' ġie magħżul Definitur Provinċjali.[12] Imbagħad, fil-Kapitlu li sar nhar it-23 ta' April 1976 reġa' ġie kkonfermat bħala Definitur.[13] Dam f'din il-kariga sad-19 ta' April 1982.[14] Wara intervall ta' tliet snin, fil-Kapitlu Provinċjali li nżamm fl-1985, reġa' ġie maħtur Definitur mill-ġdid.[15] Din il-ħatra baqa' fiha sal-ġurnata tal-mewt.

Għal P. Marjanu, b'karigi bħal dawn, kienu jfissru impenn kontinwu. Minbarra l-laqgħat tad-Definitorju kull xahar, kemm il-darba jieħu sehem f'diversi laqgħat, kemm f'Malta u kemm barra, għall-Provinċji Franġiskani li jitkellmu l-lingwa Ingliża. Laqgħat bħal dawn jiġu organizzati, kull tant żmien, mill-Ordni Franġiskan biex jiġi studjat l-andament ta' l-Ordni f'dawn il-pajjiżi.

**Ħidma Pastorali**

Bħala saċerdot il-ħidma pastorali tiegħu bdiha fil-kunvent tagħna ta' Għawdex. Kien konfessur imfittex, mhux biss minn nies, imma wkoll minn Kunventi ta' diversi sorijiet li hemm f'Għawdex.

Sa mill-miġja tiegħu f'Tas-Sliema, fl-1956, mill-ewwel beda jagħti sehemu fil-ħajja pastorali tal-Parroċċa. Kien imur ta' spiss iqaddes fil-Kappella ta' Strada Roża. Dak iż-żmien kienu jmorru patrijiet differenti biex iqaddsu għan-nies ta' dawk l-inħawi. Minbarra l-Kappella, il-Parroċċa, kellha wkoll id-dar tad-Duttrina "Santa Marija Goretti".[16] Fl-1960, fuq xewqa tiegħu stess, P. Marjanu, inħatar Rettur tal-Kappella u responsabbli mit-tagħlim tad-duttrina.[17] Għal numru ta' snin, tliet darbiet fil-ġimgħa, kien jorqod fid-dar li tagħmel parti minnha l-Kappella. Hekk kien ikun aktar disponibbli għan-nies. Kuljum, wara l-Quddiesa, kien imur iqarben lill-morda. P. Marjanu kien maħbub u ammirat ħafna minn nies ta' madwar il-Kappella. Huwa kien iddedikat għal din il-ħidma pastorali bla ma ħalla doveri oħra bħala reliġjuż franġiskan.

Fil-11 ta' Jannar 1965 Mons. Salv Grima, il-Vigarju Ġenerali tas-sorijiet, ħatar lill-P. Marjanu Vella bħala Konfessur Ordinarju għas-sorijiet ta' l-Orsolini. Sar ukoll Direttur Spiritwali tal-għaqda "Helpers of the Child Jesus" imwaqqfa mill-kuġin tiegħu P. Serafin Vella OFM għand l-Orsolini ta' Tas-Sliema.[18] Imbagħad fid-9 ta' Jannar 1967 inħatar Konfessur Ordinarju għas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb Immakulata ta' Marija (ta' l-Eġittu) tal-kunvent tal-Birgu.[19] Għat-tagħlim tad-Duttrina, lit-tfal li joqogħdu ħdejn il-Kappella, talab u qala' l-għajnuna tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù.[20] Id-Duttrina kienet u għadha ssir fil-Kappella (illum "Ġesù l-Ħabib") fi Strada Roża u f'żewġt idjar oħra fi Triq Camenzuli.[21]

Meta l-knisja tal-Madonna tal-Karmnu, tal-Balluta, kienet sejra ssir Parroċċa, dawn it-toroq kienu se jispiċċaw mil-limiti tal-Parroċċa tagħna, u għalhekk ikunu parti mill-parroċċa l-ġdida. P. Marjanu ġie mqabbad biex iħejji memorandum lill-Kurja Arċiveskovili. Dan kien jiggarantixxi l-indipendenza assoluta tal-Kappella u li d-Duttrina tibqa' tingħata mill-istess Sorijiet Franġiskani.



P. Marjanu Vella OFM

Dan il-memorandum ġie ffirmat nhar it-30 ta' Mejju 1974, fil-kunvent ta' Santa Venera, mill-Provinċjal Rev. P. Ġustinu Sant O.Carm. fil-preżenza ta' P. Marjanu, u l-Provinċjal tagħna P. Ivo Tonna OFM. Il-Kappella ta' Strada Roża kienet qisha Viċi Parroċċa tal-knisja parrokkjali tagħna. Mis-16 ta' Ġunju 1974 saret tagħmel parti mill-Parroċċa l-ġdida.[22]

Flimkien ma' din il-ħidma pastorali f'Tas-Sliema, naraw ukoll lill-P. Marjanu Vella jagħti għadd kbir ta' irtiri jew eżerċizzi spiritwali lil diversi kategoriji ta' nies. Fid-Dar ta' l-Irtiri ta' Baħar iċ-Ċagħaq kien jagħti korsijiet għaż-żgħażagħ studenti ta' l-iskejjel sekondarji ġuvintur u xebbiet. Ma naqsux ukoll irtiri jew konferenzi għall-Għaqdiet reliġjużi u lil diversi Kongregazzjonijiet ta' sorijiet. Mexxa wkoll irtiri għas-saċerdoti u reliġjużi rġiel, kif ukoll irtiri u konferenzi lis-sorijiet tal-klawsura.[23]

**Ħidma Letterarja**

Il-ħidma letterarja ta' P. Marjanu bdiet kmieni meta kien għadu tifel, fl-1941, imur il-Lyceum. F'dik is-sena kiteb l-ewwel poeżija li fiha wera t-talent tiegħu. Kiteb proża u poeżiji oħra li ġew ippubblikati f'"Leħen il-Malti". Poeżiji tiegħu dehru wkoll fil-"Muża Maltija" u fl-Antoloġija miġbura mill-Professur Ġużè Aquilina. Bejn is-snin 1952–1964 ippubblika tmien bijografiji li xi wħud minnhom kellu jagħmel it-tieni edizzjoni tagħhom. Fl-

1958 ħareġ l-ewwel ktieb tal-poeżiji tiegħu "Ġiżimin Aħmar". Ġabra ta' poeżiji għaż-żgħażagħ, li daħal fl-iskejjel tal-Gvern u fl-iskejjel Privati.[24] Wara din l-ewwel pubblikazzjoni, fl-1969, ħareġ it-tieni volum ta' poeżiji bl-isem "Dgħajjes tal-Karti".[25] Nhar l-14 ta' Novembru 1974 il-Provinċjal P. Ivo Tonna OFM għażel lill-P. Marjanu biex jieħu sehem f'Kummissjoni. Din ġiet imwaqqfa bejn il-Provinċja tagħna flimkien mal-Patrijiet Konventwali u l-Kapuċċini. Il-għan ta' din il-Kummissjoni kien li l-Missal u l-Brevjar Franġiskan jinqalbu għal-lingwa Maltija. P. Marjanu kellu sehem kbir fil-qlib ta' l-innijiet sagri.[26] Il-ħidma poetika ta' P. Marjanu tkompli, fl-1975, bil-pubblikazjoni tal-ktieb "Ħitan tas-Sejjieħ". Dawn il-poeżiji rebbħuh il-premju "Rothmans 1975". Din il-ġabra ta' poeżiji intagħżlu bħala test għall-eżamijiet tal-Matrikola.[27] Ir-raba' volum tal-poeżiji tiegħu jġib l-isem "Ġarġir mal-Ħerża". Dan ġie stampat f'Novembru 1979.[28] Għal din il-ġabra ta' poeżiji, P. Marjanu, ġie mogħti l-premju tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni 1980.[29] Nhar is-17 ta' Settembru 1984, l-Akkademja tal-Malti għamlet laqgħa li fiha P. Marjanu Vella ġie magħżul bħala membru ta' l-istess Akkademja għax-xogħol tiegħu b'risq il-poeżija Maltija.[30] L-aħħar volum tiegħu ta' poeżiji "Qoffa Riħ" ġie ppubblikat nhar it-23 ta' Novembru 1985.[31]

Fil-5 ta' Diċembru ta' l-istess sena, P. Marjanu, spiċċa jikteb l-ewwel Oratorjo tiegħu. Dan iġib l-isem "Madonna tas-Sacro Cuor". L-Oratorjo jfakkar il-75 sena mill-ħruġ ta' l-ewwel purċissjoni bil-Vara għażiża tagħna. Dan ġie mmużikat għall-orkestra mis-surmast Joseph Vella. L-Oratorjo ġie ppubblikat u l-esekuzzjoni mużikali saret nhar l-1 ta' Lulju 1986 fil-Knisja Parrokkjali tagħna.[32] P. Marjanu kiteb Oratorjo ieħor dwar Missierna San Franġisk. Kitbu fid-19 ta' Marzu 1987. Iġib l-isem "Demm fuq il-Verna". Dan ukoll ġie mmużikat mill-istess surmast Vella. L-Oratorjo ġie esegwit fl-1 ta' Marzu 1990 fil-knisja tagħna ta' San Franġisk fil-Ħamrun. Dan sar bħala tifkira f'għeluq is-sentejn mill-mewt ta' P. Marjanu. Dan l-Oratorjo reġa' ġie mtella' fil-Konkattidral ta' San Ġwann nhar il-21 ta' Marzu 1990.[33]




**Il-qoxra tal-ktieb "Madonna tas-Sacro Cuor: Oratorju".**

Dawn iż-żewġ Oratorji flimkien ma' poeżiji u sunetti oħra, li P. Marjanu kiteb matul iż-żmien li dam l-isptar, ġew ippubblikati fl-1989 minn P. Norbert Ellul Vincenti OFM. Din il-ġabra ġġib l-isem ta' "Demm fuq il-Verna". Il-Professur Oliver Friggieri kiteb, fl-introduzzjoni tal-ktieb, li P. Marjanu kien wieħed minn dawk il-ftit li l-poeżija jiktibha għaliex iħoss il-ħtieġa assoluta tagħha.[34]

P. Marjanu Vella ħalla patrimonju letterarju kbir ħafna. Xi proża u xi poeziji tiegħu dehru fir-rivista "Malta Poetry Society", "Linji Ġodda", "Xefaq bla Tmiem", "Cross Winds", "Il-Maltin Kontemporanji" u l-"Poeti Maltin". Xi wħud mill-poeżiji tiegħu ġew maqluba għat-Taljan u għall-Ingliż.[35] L-istess Profs. Friggieri jgħidilna li kollox jindika li P. Marjanu daħal instintivament fl-aqwa kurrent tal-poeżija Maltija kollha.[36]

**Id-Devozzjoni lejn il-Madonna**

Id-devozzjoni lejn il-Madonna, li kull Franġiskan għandu jkollu, kienet imkebbsa f'qalb P. Marjanu sa minn ċkunitu. It-titlu għażiż tal-Madonna tas-Sacro Cuor kien għalih l-ewwel xrara ta' imħabba li mlietlu qalbu u kibret miegħu. L-isem ta' Fra Marjanu, meta daħal novizz, kien ta' sodisfazzjon kbir għalih. Jiena lil P. Marjanu niftakru sewwa, ta' ġuvnott, qabel ma daħal reliġjuż fl-1945. Huwa dejjem ħabb il-Madonna tal-Qalb ta' Ġesù fis-skiet ta' qalbu. Kellu wkoll imħabba speċjali lejn il-Parroċċa tagħna. Żgur li kienet il-Madonna tas-Sacro Cuor li nisslet fih is-sejħa għall-ħajja reliġjuża franġiskana u dik saċerdotali. Aktar ma għadda ż-żmien, din id-devozzjoni, aktar baqa' jgħożżha f'qalbu. Meta l-knisja tagħna tkun magħluqa, P. Marjanu, tista' tgħid ta' kuljum, kien jinżel jinxteħet f'riġlejn il-Madonna għal ftit minuti. Meta darba ltqajna fis-sagristija, wara li għamel vista lill-Madonna kien qalli "Qatt ma nixba' nħares lejn il-ġmiel u s-seħer ta' wiċċ il-Madonna tagħna".

Fix-xogħol letterarju tiegħu, il-Madonna tas-Sacro Cuor, ma nesihiex. Huwa ma kienx iħobb jikteb poeżiji okkażjonali jew għax jiġi mitlub. Kien tal-fehma li poeżiji bħal dawn ma jkunux ġenwini u anqas naturali. Imma meta kien jiġi mitlub biex jikteb xi poeżija dwar il-Madonna tas-Sacro Cuor jew dwar il-Parroċċa, għall-ewwel ma kienx jaċċetta, imbagħad wara xi ġranet kien jagħmel eċċezzjoni u taraħ ġej b'dak li tkun tlabtu. Fit-

tibdil liturġiku, huwa ħa ħsieb jikteb l-Innijiet tad-dħul u ta' l-offertorju tal-Quddiesa tal-Madonna tas-Sacro Cuor.[37] Fl-1971 kiteb il-librett tan-Novena Perpetwa lill-Madonna tas-Sacro Cuor li ssir kull nhar ta' Erbgħa, is-sena kollha, fil-knisja tagħna.

L-ewwel sunett ta' P. Marjanu, li nafu bih, fuq il-Madonna tas-Sacro Cuor kitbu fl-1960.[38] Fl-1968, P. Mikiel Catania OFM, kiteb storja qasira tal-knisja tagħna, biex jitfakkar il-50 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa. Fuq wara ta' dan il-ktejjeb naraw Innu miktub minn P. Marjanu.[39] Għal din l-istess okkażjoni huwa kiteb skrizzjoni li tqiegħdet mal-faċċata tal-knisja, fuq il-bieb maġġur.[40] Fl-1977 ġie ċċelebrat il-mitt sena tad-devozzjoni f'Tas-Sliema. P. Marjanu għamel il-kliem li gie stampat fuq santi ta' tifkira.[41] Il-kliem ta' fuq il-Lapida ta' tifkira, li tqiegħdet fid-daħla ta' wieħed mill-bibien tal-faċċata tal-knisja, kien magħżul minnu wkoll.[42] F'dawn l-istess festi huwa kiteb u qara poeżija saffika fl-Akkademja Mużiko-Letterarja li saret fil-knisja tagħna nhar is-27 ta' Ġunju 1977.[43]

Għal darb'oħra fil-festi ċentenarji li saru fl-1981, P. Marjanu, mingħajr ħadd ma talbu, reġa' tana poeżija oħra bit-titlu: "Lill-Madonna tagħna".[44] Għal dawn l-istess festi kiteb żewġ skrizzjonijiet li ġew stampati fuq santi ta' tifkira. Waħda li tfakkar il-mitt sena mill-ftuħ tal-knisja u l-wasla tal-Vara tal-Madonna f'Tas-Sliema.[45] P. Marjanu ma naqasx li jikteb ukoll il-kliem għal fuq l-irħama ta' tifkira li tqiegħdet fil-knisja.[46] F'din l-istess sena kiteb Innu taċ-ċentinarju li ġie mmużikat mis-surmast Joe Galea. Dan l-Innu tkanta fil-knisja matul is-sena kollha.[47]

L-imħabba li P. Marjanu Vella kellu lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor tidher, bla dubju ta' xejn, fil-kliem magħżul kollu ħlewwa li sawwar l-Oratorjo ddedikat lilha. Bi kliem meqjus wera l-ħila poetika tiegħu. L-aħħar sunett tiegħu fuq il-Madonna tas-Sacro Cuor kitbu dakinhar tal-festa titulari ta' l-1987. Minn fuq is-sodda tal-mard, fl-isptar S. Luqa, wera d-dispjaċir tiegħu li ma kienx preżenti għall-festa tagħha. Huwa bdih b'dawn il-kelmiet: "Dis-sena ma narakx, Xebba Marija". Imma fl-istess ħin jistqarr li x-xbiha tagħha qatt ma għabet minn quddiem għajnejh. Għalhekk hu jkompli ..... minn fuq is-sodda nħossni miegħek u ma' Ġesù, tkellmuni f'widnejja.[48]

Nagħlaq din it-taqsima bi kliem ta' P. Marjanu li darba qalli u għadhom jidwu f'widnejja. Kien qalli hekk: "Toqgħodx tagħti kas ta' min jikkritika, jew ma jħobbx il-festa titulari tagħna. Aħna biss, ulied il-Parroċċa, nafu xi tfisser għalina l-festa tal-Madonna tas-Sacro Cuor. Ħadd ma jista' jħoss f'qalbu dak li aħna nħossu fina u f'qalbna." Hekk hu. Għandu raġun!

**Lill-Madonna tas-Sacro Cuor**

Dis-sena ma narakx, Xebba Marija,
ħierġa mill-knisja taħt il-logħ'b tan-nar,
għajnejja se jiċċaħħdu mis-sbuħija,
la jiena qiegħed hawn ġo qiegħ l-Isptar.

Dis-sena ma narax merfugħ fuq driegħek
il-ġmiel tal-ġmilijiet, Ġesù Bambin,
lanqas ma nara n-nies imdawrin miegħek
jitolbu, iċapċpu, igħannu ferħanin.

Ma ġara xejn! Is-sura mqaddsa tiegħek
ma nafx li qatt intfiet minn ġo għajnejja,
għalhekk minn fuq is-sodda nħossni miegħek
u ma' Ġesù, tkellmuni ġo widnejja.

Igħiduli kliem minsuġ fl-imwiel tal-Ġenna
li jibqa' jidwi, sa ma r-ruħ tithenna.

5-5-87 P. Marjanu Vella OFM

**L-aħħar sunett ta' P. Marjanu, fuq il-Madonna.**

**Missjoni mitmuma**

Il-Professur Oliver Friggieri meta għamel xi studji fuq il-poeżiji ta' P. Marjanu, fost ħafna affarijiet, jgħidilna li fil-poeziji tiegħu jara sentimenti ta' ansjetà, solitudini, tbatija fiżika, waqtiet ta' inċertezza, dieqa u rassenjazzjoni. Bir-raġun kollu. P. Marjanu għal snin kbar kien marid bid-dijabete. Wara mewtu sirna nafu, mid-djarju personali tiegħu, li P. Marjanu kien għamel il-vot tas-sofferenza. B'dan il-vot huwa twaħħad mal-Passjoni ta' Kristu, b'offerta tiegħu nnifsu, bħala vittma għall-qdusija ta' l-erwieħ, speċjalment tas-saċerdoti. Sar appostlu tal-Qalb ta' Ġesù billi mexa fit-triq tat-tbatija.[49]

Kien nhar it-28 ta' Ġunju 1987, meta kontra qalbu, kellu jmur l-isptar għall-kura. Wara ħames xhur reġa' ġie lura l-kunvent nhar is-26 ta' Novembru 1987.[50] F'dawn ix-xhur fl-isptar tana l-aħħar xogħol poetiku tiegħu. Il-Ħamis, 25 ta' Frar 1988, kellu jerġa' jidħol l-isptar għal aktar kura. Fis-7.00 a.m., P. Camillo Aquilina OFM mar għandu fil-kamra tiegħu fejn sabu kważi mitluf minn sensih. Malajr ingħata l-griżma tal-morda u wara nofs siegħa, P. Marjanu, għadda għall-ħajja ta' dejjem. L-aħbar tal-mewt tiegħu ġriet bħal leħħa ta' berqa. Ħafna nies, speċjalment dawk li kienu jmorru l-Kappella tiegħu, ġew bi ħġarhom biex tarah u ttih l-aħħar tislima. Il-Ġimgħa, 26 ta' Frar, ġie jarah l-Eċċ. Tiegħu Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca flimkien mal-Vigarju Ġenerali Mons. Carmelo Xuereb.

Il-funeral tiegħu sar is-Sibt 27 ta' Frar fid-9.30 a.m. Il-korteo għadda minn Triq il-Karmnu, San Ġwann Batt., S. Trofimo għall-Knisja Parrokkjali. Il-Gwardjan P. Pawl Galea OFM mexxa konċelebrazzjoni flimkien ma' 60 saċerdot. Il-knisja kienet maħnuqa bin-nies. Kienu preżenti wkoll numru kbir ta' sorijiet. Wara li ntemmet il-Quddiesa il-kadavru tiegħu ttieħed fi Strada Roża. Hemm għadda qalb folla ta' nies li laqgħetu b'ċapċip kbir u fl-istess ħin b'dieqa kbira għat-telfa tiegħu. P. Marjanu Vella ġie midfun fil-kappella tal-patrijiet li hemm fiċ-ċimiteru ta' l-Addolorata.[51] Huwa miet fl-età ta' 60 sena li minnhom 42 sena bħala reliġjuż u 36 sena bħala

saċerdot.[52] It-televiżjoni nazzjonali, minbarra li kien ta l-aħbar tal-mewt tiegħu, ħa ħsieb ukoll li l-programm "Spektrum" ikun iddedikat lil P. Marjanu. Wara xi ġranet fi programm "Żafir" wera dokumentarju dwar ix-xogħlijiet letterarji tiegħu.[53]

X'baqa' ngħidu dwar P. Marjanu? Għalkemm dan il-profil kien dettaljat ħafna, żgur li għad fadal xi tgħid. Imma nieqfu hawn. Nistgħu ngħidu, mingajr ma niżbaljaw, li huwa kien wieħed mill-aqwa poeti ta' żmienna. P. Marjanu mhux biss għamel isem għalih innifsu, lill-Provinċja Franġiskana, lil Tas-Sliema belt twelidu, imma lil Malta kollha. Tant hu hekk li l-Awtoritajiet Ċivili, sentejn biss wara mewtu, għarfu l-kobor u l-kontribut li ta lis-Soċjetà Maltija. Il-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar is-16 ta' Marzu 1990 ħabbret li Strada Roża ġiet imsemmija "Triq P. Marjanu Vella".[54]

Dan hu monument ta' ġieħ u ta' rikonoxxenza li l-poplu Malti għamel lill-P. Marjanu Vella OFM. Is-Sliemiżi kollha laqgħu bil-ferħa dan l-unur kbir.

#### REFERENZI


1. Arkiv.Parr.Mad. tas-S.Cuor.Liber Bapt. Vol. II, p. 113, Nro. 226.
2. Akriv.Parr.Mad. tas-S.Cuor.Liber Confirmat, Vol. I, p. 672, Nro. 3014.
3. Tagħrif li kien tahuli hu stess.
4. Schematismus Prov., 1957, p. 20, jew Paġella ta' l-Ordinazzjoni.
5. Dgħajjes tal-Karti, 1969.
6. Kronaka Kunvent Sliema, Vol. I, p. 1.
7. Tagħrif li tahuli hu stess.
8. Kronaka Opus Cit., p. 22.
9. Id., *Ibid.*, p. 61.
10. Id., *Ibid.*, p. 67.
11. Schem. Prov., 1973, p. 21.
12. Kronaka Opus Cit., p. 77.
13. Kronaka Opus Cit., Vol. II, p. 34.
14. Id., *Ibid.*, p. 100, jew Schem. Prov., 1981, p. 3.
15. Franciscan Directory, 1986, p. 5.
16. Kronaka Opus Cit., Vol. I, p. 87.
17. Tagħrif mogħti lill-awtur mir-Rev. P. Vincenz Galea OFM.
18. Kronaka Opus Cit., Vol. I, p. 4, Schem. Prov. 1973, p. 21.
19. Id., *Ibid.*, p. 17.
20. Id., *Ibid.*, p. 87.
21. Id., *Ibid.*, p. 86.
22. Id., *Ibid.*, vol. II, p. 8.
23. Id., *Ibid.*, pp. 9–51.
24. Dgħajjes tal-Karti, 1969.
25. Kronaka Opus Cit., Vol. II, p. 21.
26. Id., *Ibid.*, p. 15.
27. Id., *Ibid.*, p. 28.
28. Id., *Ibid.*, p. 73.
29. Id., *Ibid.*, p. 79.
30. Id., *Ibid.*, p. 136.
31. Id., *Ibid.*, p. 151.
32. Id., *Ibid.*, p. 152.
33. Id., *Ibid.*, Vol. IV, pp. 46, 49.
34. Demm fuq il-Verna, p. 5.
35. Oratorjo Madonna tas-Sacro Cuor, p. 7.
36. Demm fuq il-Verna, p. 14.
37. Il-Madonna u Tas-Sliema, 1988, p. 109.
38. Id., *Ibid.*, p. 190.
39. Id., *Ibid.*, p. 161, jew Is-Sacro Cuor 1968.
40. P. Ġużepp Vella: Il-Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor, Tas-Sliema, tagħrif storiku, 1993, p. 247.
41. Id., *Ibid.*, p. 247.
42. Id., *Ibid.*, p. 108.
43. Il-Madonna u Tas-Sliema, 1988, p. 163.
44. Ara programm tal-Festi 1881–1981.
45. P. Ġużepp Vella Opus Cit., p. 248.
46. Id., *Ibid.*, p. 102.
47. Il-Madonna u Tas-Sliema, pp. 186–187.
48. Il-Madonna u Tas-Sliema, p. 190, jew Demm fuq il-Verna, p. 46.
49. Demm fuq il-Verna, pp. 2–3.
50. Kronaka Opus Cit., Vol. III, pp. 17, 21.
51. Id., *Ibid.*, pp. 25–28.
52. Nekroloġju tal-Provinċja.
53. Kronaka Opus Cit., Vol. IV, p. 49.


---

### TISLIMA LIL TAS-SLIEMA

Aħna wild Tas-Sliema. U kburin.
Isem sabiħ, jiġbor tislima.
Bi xrar ta' mħabba mħeġġin:
Intennu l-"Ave Maria".

Ħiemda quddiem Tas-Sliema tagħna,
Inżommu isimha fil-ġieħ.
Għaqda sħiħa ssaltan fostna,
Fi ħdanha nsibu mistrieħ.

Tas-Sliema, għażiża omm tagħna,
Naħilfu mħabba bla ma tnin.
Għanja sinċiera w ferrieħa,
Li tibqa' tidwi tul is-snin.

Sliemiżi: Il-Madonna tberikna,
Jekk ngħixu lkoll bħal aħwa u fis-sliem.

P.G.V.

### L-AJKLA REBBIEĦA

Mill-eqdem ġnus u l-ibgħad żminijiet
ma' l-aqwa imperi u ċiviltajiet
ħaddnuk għax qawwija,
setgħana u rebbieħa f'ħakmitek;

Ġwejnħajk imtajjra u miftuħa
rasek imgħollija u kburija
taħkem b'qilla imgħollija
ta' żagħżugħa għal dejjem qawwija;

Ukoll nebbaħt il-kultura
u ċ-ċiviltà li fik sabu
doni ta' qawwa u setgħa;

Kburija bik il-Banda "SLIEMA"
ħaddnitek tul is-snin
aħna ta' l-Ajkla bik rebbiħin.

Golden Eagle